



Lussemburgu, 16 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

12815/17

COHOM 107
CFSP/PESC 839
COSCE 8
FREMP 104
INF 178
JAI 869
RELEX 817
DEVGEN 213
CONUN 223

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Ottubru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: JAI 823 RELEX 786 DEVGEN 203 CONUN 217	12515/17 COHOM 101 CFSP/PESC 815 COSCE 7 FREMP 98 INF 167
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Ottubru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, adottat mill-Kunsill fit-3566 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ottubru 2017.

**KONKLUŻJONIJIET DWAR IR-RIEŻAMI TA' NOFS IT-TERMINU
TAL-PJAN TA' AZZJONI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U D-DEMOKRAZIJA**

(Kunsill Affarijiet Barranin, 16 ta' Ottubru 2017)

1. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni tar-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019 u l-progress li għamlet l-UE f'ħafna oqsma tal-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kunsill itenni l-impenn qawwi tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, bħala element indispensabbli tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni, b'mod partikolari permezz tat-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE.
2. Matul dawn iż-żminijiet ta' sfida, u filwaqt li s-sitwazzjoni dinjija fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi, inkluż l-istat tad-dritt, marret 'il quddiem f'xi pajjiżi minkejja li marret lura f'oħrajn, f'dawn l-aħħar snin l-UE u l-Istati Membri tagħha ppromwovew azzjonijiet konsistenti b'appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.
3. Il-Pjan ta' Azzjoni kien strumentali fit-trawwim u t-twassil ta' approċċ aktar koerenti lejn l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tal-UE. L-UE baqgħet tinvolvi ruħha b'mod attiv mas-sħab internazzjonali, in-NU, l-organizzazzjonijiet reġjonali u s-soċjetà ċivili. Il-Kunsill itenni li f'kuntest internazzjonali dejjem aktar diffiċli, huwa essenzjali li jkun hemm tmexxija, unità, u li jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza fl-azzjoni tal-UE b'mod partikolari fil-fora multilaterali.
4. Il-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-azzjoni esterna ġiet progressivament orjentata lejn l-għoti tas-setgħa lil atturi minn pajjiżi terzi u korpi reġjonali, it-tisħiħ tas-sjieda u tar-reżiljenza tagħhom, kif indikat fl-Istrateġija Globali tal-UE, u lejn mudell li jagħmilha possibbli għal individwi li jifhmu drittijietom. L-UE hija donatur sinifikanti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; topera l-akbar programm ta' appoġġ għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem madwar id-dinja u sa mill-2015 kompliet tespandi aktar l-isforzi konkreti tagħha biex tindirizza l-ispazju dejjem jonqos għas-soċjetà ċivili. Hi għandha wkoll rwol prinċipali fl-iżvilupp u s-sostenn tal-finanzjament tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

5. Permezz ta' Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali u Assistenza Elettorali, l-UE tkompli wkoll tkun minn ta' quddiem fl-appoġġ tagħha għal elezzjonijiet inklużivi, trasparenti u kredibbli, kif ukoll għall-aspetti fundamentali tal-pluraliżmu demokratiku bħal-libertà tal-espressjoni u tal-opinjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' assemblea. L-appoġġ għall-parlamenti, il-partiti politiċi, is-soċjetà ċivili u l-media wkoll saru parti integrali tal-isforzi tagħna fil-promozzjoni ta' proċessi politiċi inklużivi.
6. L-approċċ għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet huwa metodoloġija ewlenija biex jiġi żgurat li l-qafas internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jiġi rispettat u promoss permezz ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. L-istrumenti tal-UE qed ikunu dejjem aktar ikkoordinati u allinjati tajjeb, speċjalment fil-każ ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, linji gwida u Strateġiji tal-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija. Dawn l-istrumenti jikkumplementaw ukoll il-ħidma tan-NU u tal-mekkaniżmi reġjonali inkluż ir-Relaturi u Rappreżentanti Speċjali tan-NU.
7. L-UE kompiet tippromwovi u tiddefendi l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet kollha tal-bniedem. In-nondiskriminazzjoni, id-dinjità umana, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u d-drittijiet tat-tfal huma fil-qalba tal-Pjan ta' Azzjoni. L-UE żiedet ukoll l-attenzjoni tagħha fuq l-isforzi għall-avvanz tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali. Il-Kunsill jappella biex titkompla l-ħidma fil-promozzjoni u l-protezzjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u biex tiġi miġġielda kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħal sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni ta' natura politika jew ta' kwalunkwe tip ieħor, appartenenza għal xi minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.
8. Il-Kunsill ifaħħar il-ħidma estensiva mwettqa f'dan ir-rigward mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew kif ukoll il-kontribut attiv tal-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw l-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-involvement u l-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex imexxi 'l quddiem il-Pjan ta' Azzjoni.

9. Peress li l-implimentazzjoni ser tkompli fl-2019, il-Kunsill jistieden lis-sħab kollha biex ikomplu jikkontribwixxu għal aktar kisbiet. L-UE ser tkompli taħdem biex ittejjeb aktar l-evalwazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem u biex ittejjeb il-komunikazzjoni tagħha. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt għadhom, u ser jibqgħu prijorità ewlenija tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE lil hinn mill-2019.
-